**96. Il-Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Illi sakemm il-Kamra tkun għaddiet mill-proċeduri kollha rikjesti mil-liġi, il-programm hawn taħt indikat meta tiltaqa' nhar ta' Ħamis ukoll isir xogħol biss tal-Gvern.

Illi meta l-Kamra tiltaqa' filgħodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministru mhux aktar tard mid-9.30 a.m. u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fl-12.00 p.m.

Illi żewġ seduti jistgħu jinżammu fl-istess ġurnata, waħda filgħodu u l-oħra wara nofsinhar ta' l-istess ġurnata.

1. Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar il-programm hawn taħt indikat:-

1. Abbozz ta' Liġi biex iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom.

2. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Dazju tas-Sisa fuq Riċevituri tat-Televiżjoni bil-Kulur.

3. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku.

4. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arma ta' Malta.

5. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income.

6. Abbozz ta' Liġi dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta.

7. Abbozz ta' Liġi dwar Offshore Trusts (ta' Malta).

8. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

9. Abbozz ta' Liġi dwar Self Lokali.

10. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu.

11. Mozzjoni biex il-Kamra tapprova d-dħul u l-infiq ta' l-Awtorita' tad-Djar għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru, 1988 sat-30 ta' Settembru 1989 kif indikat fl-Att XV ta' l-1976 dwar l-Awtorita' tad-Djar.

12. Mozzjoni biex il-Kamra tapprova l-Estimi ta' dħul u nfiq tal-Korporazzjoni Telemalta għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru, 1988 sat-30 ta' Settembru 1989 skond l-Att XVI ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta u Estimi Supplimentari għas-sena korrenti.

13. Mozzjoni biex il-Kamra tapprova l-Estimi ta' dħul u nfiq tal-Korporazzjoni Enemalta għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru 1988 sat-30 ta' Settembru 1989.

14. Riżoluzzjoni biex tiġi approvata mill-Kamra a tenur ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji) ta' l-1988 dwar bini f'arei żviluppati.

15. Riżoluzzjoni biex tiġi approvata mill-Kamra a tenur ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji) ta' l-1988 dwar bini f'arei mhux żviluppati.

A. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikat fil-paragrafu 1.1 ma għandux jieħu aktar minn żewġ seduti fit-Tieni Qari u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikat fil-paragrafu 1.2 ma għandux jieħu aktar minn seduta waħda għall-istadji kollha tiegħu.

Illi d-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi indikat fil-paragrafu 1.3 ma għandux jieħu aktar minn seduta waħda għall-istadji kollha tiegħu.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikat fil-paragrafu 1.4 ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti għat-Tieni Qari u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikati fil-paragrafu 1.5 ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti fit-Tieni Qari u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikata fil-paragrafu 1.6. ma għandhiex tieħu aktar minn tliet seduti fit-Tieni Qari u tliet seduti għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikati fil-paragrafu 1.7 ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikati fil-paragrafu 1.8 ma għandhiex tieħu aktar minn seduta għat-Tieni Qari u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikati fil-paragrafu 1.9 ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda għat-Tieni Qari u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi indikati fil-paragrafu 1.10 ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda għat-Tieni Qari u seduta waħda għall-Kumitat u Tielet Qari.

Illi l-Mozzjoni indikata fil-paragrafu 1.11 ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti.

Illi d-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjonijiet indikati fil-paragrafi 1.14 u 1.15 ma għandhomx jieħdu aktar minn seduta waħda u l-ħin jinqasam ugwalment għad-diskussjoni fuq iż-żewġ Riżoluzzjonijiet.

Illi aktar minn stadju wieħed jista' jittieħed fl-istess seduta fuq kull wieħed mill-Abbozz ta' Liġi msemmija;

Illi fid-diskussjonijiet kollha fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi hawn fuq il-ħin għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema ta' l-Oppożizzjoni bil-"winding up" għall-Gvern fil-każ tat-Tieni Qari ta' kull Abbozz ta' Liġi;

Illi fl-aħħar seduta mħollija għal kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi kif ukoll għal kull mozzjoni u riżoluzzjoni fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn u dan biex fil-każ ta' l-Abbozzi ta' Liġi, kull Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-bqija ta' l-istadji tiegħu kollha f'dik is-seduta; iżda anke meta jkun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi, klawsoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, klawsoli ġodda mingħajr avviż, skedi jew skedi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

Illi fil-każ ta' kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi, wara li dan ikun irrapportat il-Kumitat tiegħu jew il-konsiderazzjoni mil-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tista' tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari tiegħu; u

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fi kwalunkwe stadju fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi għandhom jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li fiha jkunu intalbu, billi jekk f'dan il-ħin jerġgħu jintalbu, l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti minn dan il-ħin, u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu mmedjatament warajha.

23.09.1988